



Brussell, 24 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13689/22

**Fajl Interistituzzjonali:
2022/0296(NLE)**

**TRANS 650
COWEB 119
ELARG 86**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.: Nru dok. Cion:	12992/22 + ADD 1 COM(2022) 484 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2023 – Adozzjoni

1. Fit-28 ta' Settembru 2022, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi pożizzjoni tal-UE fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport UE-Balkani tal-Punent, fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2023.
2. L-adozzjoni tal-baġit annwali 2022 mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali hija meħtieġa biex titwettaq l-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport, inkluż il-funzjonament ta' sede tas-Segretarjat Permanenti f'Belgrad. Il-Kummissjoni pproponiet ammont kumplessiv ta' EUR 3.280.000, żieda ta' 2 % meta mqabbel mas-sena 2022, li minnhom EUR 3.060.000 huma krediti ġodda u EUR 220.000 huma ammonti riportati. L-ammont finali ser iqis l-approprjazzjonijiet riportati mill-2022. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-baġit tammonta għal 80 %.

3. Fir-rigward tal-linji baġitarji individwali tal-proposta, il-linja baġitarja għar-riżorsi umani hija stabbli b'madwar 50 % tal-baġit. Dak għall-uffiċċji, it-tagħmir u s-software qed jonqos b'mod konsiderevoli (- 92 %), minħabba l-ispejjeż ta' darba biex matul l-2022 jiġi mċaqlaq l-Osservatorju tat-Trasport, u dak għall-istudji u l-assistenza teknika qed jikber (+ 40 %). Il-Kummissjoni tippromponi wkoll li tnaqqas ir-riżerva baġitarja minn 5 għal 3 % ta' krediti ġodda.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks eżamina l-proposta fit-13 ta' Ottubru 2022. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni spjega li diversi deċiżjonijiet li għadhom qegħdin jitfasslu u li jħallu impatt fuq il-baġit, jiġifieri dwar allowance għall-edukazzjoni, ir-reklutaġġ ta' esperti lokali u l-issekondar ta' persunal, diġà ġew koperti fil-proposta, filwaqt li l-ispejjeż assoċjati mal-involviment mill-qrib mistenni tal-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia fil-programm ta' ħidma tal-Komunità tat-Trasport jenħtieġ li jiġġarrbu barra mill-baġit tal-Komunità tat-Trasport. Huwa rrapporta dwar eżekuzzjoni kumplessiva tal-baġit għal din is-sena fil-livell ta' 40 % fi tmiem it-tielet trimestru, li kienet mistennija li tilħaq 84 % sal-aħħar tas-sena¹.
5. Id-delegazzjonijiet li tkellmu appoġġaw il-proposta. Fid-dawl ta' diversi riżervi ta' skrutinju pendenti, il-Presidenza stiednet lid-delegazzjonijiet għal aktar kummenti possibbli sal-20 ta' Ottubru 2022. Sa dik id-data, l-ebda delegazzjoni ma kienet għamlet aktar kummenti
6. Fid-dawl ta' dan, huwa ssuġġerit, soġġett għall-approvazzjoni mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, li l-Kunsill jiddeċiedi dwar il-pożizzjoni tal-UE kif tinsab, wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, fid-dokumenti ST 13637/ + ADD 1 ².
7. Ladarba tiġi addottata, id-deċiżjoni tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali u l-Parlament Ewropew jiġi infurmat dwarha.

¹ Għad-dettalji ara WK 14054/22.

² Nota: id-dokumenti għal adozzjoni ser ikunu disponibbli fi tmiem il-ġimgħa tal-24-28 ta' Ottubru.